## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 136/2021 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI BIN-NUMRU 972/2021 MIBGĦUTA AI TERMINI TAL-ART. 253(E) TAL-KAP. 12: **FINANCE HOUSE PLC (C58869) V. DORIANNE ABDILLA (KI. 170079M)**

(NUQQAS ASSOLUT TA' PROVI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Dorianne Abdilla ("ir-rikorrenti") intavolat fl-24 ta' Mejju 2021 b'talba *inter alia* sabiex il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali esebiti mal-ittra uffiċjali numru 972/2021,

wara li rat ir-risposta ta' Finance House plc ("il-kumpanja intimata" jew "l-intimata") li permezz tagħha *inter alia* u għar-raġunijiet fiha imsemmija talbet lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti[1],

wara li rat li bl-ordni tal-Qorti tas-7 ta' Lulju 2021 ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ għall-1 ta' Novembru 2021 fl-09.50am[2],

wara li rat li s-seduta tal-1 ta' Novembru 2021 ġiet differita għat-3 ta' Novembru 2021 stante l-indisposizzjoni tal-Maġistrat Sedenti[3],

wara li rat li fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 dehru l-avukati rispettivi li nfurmaw lill-Qorti li l-partijiet waslu fi ftehim u kien jonqos biss li jiftehmu dwar l-iskrittura

---

[1] Fol 7-8
[2] Fol 9
[3] Fol 15

addattata sabiex jissiġġilaw it-transazzjoni u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għas-17 ta’ Jannar 2022 għaċ-ċessjoni[4],

wara li rat li fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2022 l-avukat tar-rikorrenti ddikjara illi minħabba raġunijiet ta’ saħħa r-rikorrenti ma’ setgħetx tattendi għall-pubblikazzjoni tal-kostituzzjoni ta’ debitu quddiem Nutar Pubbliku u għalhekk talab differiment, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti illi ħalliet il-kawża għaċ-ċessjoni għall-14 ta’ Marzu 2022[5],

wara li rat li fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2022 il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kienu għadhom għaddejin b’taħditiet għal transazzjoni u għalhekk ħalliet il-kawża għall-aħħar darba għaċ-ċessjoni għad-9 ta Mejju 2022[6],

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2022 il-Qorti ġiet infurmata illi t-transazzjoni kienet fil-qrib biex tiġi milħuqa u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għaċ-ċessjoni għas-27 ta’ Ġunju 2022[7],

wara li rat li s-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2022 ġiet differita għall-24 ta’ Ottubru 2022 stante l-indisposizzjoni tal-Maġistrat Sedenti[8],

wara li rat li fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2022 il-Qorti ġiet infurmata li l-partijiet waslu fi transazzjoni u li sas-seduta ta’ wara għandu jkun hemm ċessjoni tar-rikors. Il-Qorti għalhekk ħalliet il-kawża għaċ-ċessjoni għall-21 ta’ Novembru 2022[9],

wara li rat li fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2022 il-Qorti ġiet infurmata r-raġuniet ‘l għala l-kawża baqgħet ma’ ġiex ċeduta mir-rikorrenti u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għall-aħħar darba għaċ-ċessjoni għas-16 ta’ Jannar 2023[10],

wara li rat li fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2023 l-avukat difensur tar-rikorrenti reġa spjega lill-Qorti bid-diffikultajiet li qed isib fir-rigward tat-transazzjoni u għalhekk talab differiment sabiex jirregola l-posizzjoni tiegħu[11],

wara li rat li fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2023 l-avukat difensur tar-rikorrenti permezz ta’ nota rrinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti msejjħa diversi drabi ma dehritx u għalhekk il-Qorti tat l-aħħar differiment għas-27 ta’ Frar 2023 sabiex dakinhar ir-rikorrenti tressaq il-provi kollha tagħha[12],

---

[4] Fol 16
[5] Fol 17
[6] Fol 18
[7] Fol 19
[8] Fol 20
[9] Fol 22
[10] Fol 23
[11] Fol 24
[12] Fol 25 u 26

wara li rat li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 ir-rikorrenti msejjħa diversi drabi ma dehritx u għalhekk il-Qorti għalqet il-provi tagħha filwaqt li l-avukat difensur tal-kumpanija intimata ddikjara li m'għandux provi u li l-kawża tista tmur għas-sentenza[13]

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti tara li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova in sostenn tat-talbiet tagħha u lanqas biss esebit kopja tal-ittra uffiċjali u/jew kambjali in kwistjoni.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi fil-mankanza assoluta tal-provi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

[13] Fol 27